# Ir-Referendum dwar il-Vuċi  Aboriġina u tal-Gżejjer ta’ Torres Strait għall-Parlament

Il-poplu Awstraljan ġej minn ħafna artijiet, jipprattika ħafna twemmin u jitkellem b’ħafna lingwi. Il-Popli Aboriġini u tal-Gżejjer ta’ Torres Strait huma l-Ewwel Popli tal-Awstralja u ilhom jgħixu hawn għal aktar minn 65,000 sena. Imma l-Kostituzzjoni tal-Awstralja ma tirrikonoxxix l-istatus uniku tagħhom. Huwa għalhekk li aktar tard din is-sena, ser inkunu nistgħu nikkunsidraw bidla fil-Kostituzzjoni tagħna permezz ta’ Referendum. L-Awstraljani kollha ser ikollhom iċ-ċans li jirrikonoxxu l-Poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta’ Torres Strait fil-Kostituzzjoni tagħna, permezz ta’ Vuċi li ser tiżgura li jiġu mismugħin dwar affarijiet li jolqtu lilhom.

## X’inhi l-Istqarrija mill-Qalb ta’ Uluru (the Uluru Statement from the Heart)?

F’Mejju 2017, aktar minn 250 persuna Aboriġini u mill-Gżejjer ta’ Torres Strait ħarġu l-Istqarrija mill-Qalb ta’ Uluru. Titlobna biex noħolqu futur aħjar għall-Awstralja kollha u biex ninkludu Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta’ Torres Strait  fil-Kostituzzjoni Awstraljana.

## X’inhi l-Vuċi  Aboriġina u tal-Gżejjer ta’ Torres Strait?

Il-Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta’ Torres Strait hija mezz għall-popli Aboriġini u mill-Gżejjer ta’ Torres Strait biex jiggwidaw lill-Gvern dwar liġijiet u politiki li jolqtu lilhom.

## X’inhu Referendum?

Referendum huwa meta l-votanti jiġu mitluba biex iwieġbu Iva jew Le għal mistoqsija jew mistoqsijiet. L-uniku mod biex tinbidel il-Kostituzzjoni tal-Awstralja hu permezz ta’ Referendum.

## Min jista’ jivvota f’Referendum?

Dawk il-persuni li huma reġistrati biex jivvutaw biss jistgħu jipparteċipaw f’Referendum. Il-votazzjoni f’Referendums hija obbligatorja għall-votanti reġistrati.

## Kif nivvota f’Referendum?

Referendums huma bħall-elezzjonijiet. Fil-jum tal-votazzjoni, tista’ tmur f’post tal-votazzjoni u titfa’ l-vot tiegħek f’karta tal-vot.

## Kif jiġi deċiż Referendum?

Biex jgħaddi Referendum, ikollu bżonn maġġoranza doppja. Dan ifisser maġġoranza ta’ voti f’mill-inqas erba’ stati u madwar l-Awstralja kollha.

## Meta ser isir ir-Referendum dwar il- Vuċi  Aboriġina u tal-Gżejjer ta’ Torres Strait?

Ir-Referendum dwar il-Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta’ Torres Strait ser issir aktar tard din is-sena.

## X’mistoqsija ser jistaqsi r-Referendum dwar il-Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta’ Torres Strait?

“Liġi Proposta: biex tinbidel il-Kostituzzjoni biex tirrikonoxxi l-Ewwel Popli tal-Awstralja billi tistabbilixxi Vuċi tal-Aboriġini u dawk mill-Gżejjer ta’ Torres Strait. Tapprova din il-bidla proposta?”

## Min ħoloq din l-iskeda ta’ informazzjoni?

Din l-iskeda ta’ informazzjoni inħolqot bi sforz konġunt ta’ Life Without Barriers, Reconciliation Australia, SNAICC – National Voice for our children, Yes Alliance u Polaron Language Services. Din is-sħubija inħolqot biex tgħin biex tinħoloq informazzjoni aċċessibli dwar il-Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta’ Torres Strait.

**Aktar informazzjon**

www.lwb.org.au



Awtorizzat minn Tabatha Feher, Life Without Barriers, L6, 107 Pitt St, Sydney, NSW.